

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 56 TFUE ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi lil operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra milli joffru loġħob tal-ażżard permezz ta' sit internet, filwaqt li hija tagħti esklużività għall-operat ta' tali loġħob favur operatur uniku suġġett għal kontroll strett tal-awtoritajiet pubbliċi.
- 2) L-Artikolu 56 TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi r-reklamar għal loġħob tal-ażżard minbarra l-loġħob organizzat minn operatur uniku li lilu jkun ingħata d-dritt esklużiv li jorganizza tali loġħob.
- 3) L-ewwel, il-ħames, is-sitt kif ukoll it-tmien sal-għaxar domandi magħmula mis-Supremo Tribunal de Justiça (Qorti Suprema, il-Portugall) huma manifestament inammissibbli.

<sup>(1)</sup> ĠU C 202, 26.6.2017.

---

**Appell ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2017 minn L'Oréal mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fis-26 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-181/16 – L-Oreal vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

(Kawża C-519/17)

(2017/C 424/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: L'Oréal (rappreżentanti: T. de Haan, P. Péters, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Guinot

**Talbiet**

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali, tas-26 ta' Ġunju 2017, fil-Kawża T-181/16, EU:T:2017:447;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea; u
- tirriserva l-ispejjeż; sussidjarjament, tikkundanna lill-Uffiċċju jħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti relatati kemm mal-proċedura ta' appell kif ukoll ma' dik tal-ewwel istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u l-argumenti mressqa minnha quddiemha u kisret l-Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

---

**Appell ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2017 minn L'Oréal mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fis-26 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-179/16 – L'Oréal vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

(Kawża C-522/17)

(2017/C 424/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: L'Oréal (rappreżentanti: T. de Haan u P. Péters, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Guinot

### Talbiet

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali, tas-26 ta' Ġunju 2017, fil-Kawża T-179/16, EU:T:2017:445;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea; u
- tiriserva l-ispejjeż; sussidjarjament, tikkundanna lill-Uffiċċju jħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti relatati kemm mal-proċedura ta' appell kif ukoll ma' dik tal-ewwel istanza.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u l-argumenti mressqa minnha quddiemha u kisret l-Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

---

## Appell ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2017 minn L'Oréal mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fis-26 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-180/16 – L'Oréal vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-523/17 P)

(2017/C 424/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

*Appellanti:* L'Oréal (rappreżentanti: T. de Haan u P. Péters, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Guinot

### Talbiet

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali, tas-26 ta' Ġunju 2017, fil-Kawża T-180/16, EU:T:2017:451;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea; u
- tiriserva l-ispejjeż; sussidjarjament, tikkundanna lill-Uffiċċju jħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti relatati kemm mal-proċedura ta' appell kif ukoll ma' dik tal-ewwel istanza.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u l-argumenti mressqa minnha quddiemha u kisret l-Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).